# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2001**

**Numru 4**

**Avviz. numru 100/01mm**

**Marino u Leanne konjugi Mihalic**

**vs**

**Dennis Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fid-9 ta' Frar 2001 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja d-dikjarazzjoni huwa kien unikament responsabbli ghall-incident li gara fl-24 ta' Gunju 2000, f'Mater Boni Consilli Street, Fgura meta huwa kkaguna d-danni lill-atturi billi habat bil-vettura minnu misjuqa mal-vettura taghhom. Ihallas lill-istess atturi l-ammont ta' mitejn u disa u sittin liri Maltin u disa u hamsin centezmu (Lm269.59c) rapprezentanti d-danni lilhom kagonati mill-konvenut kif spjegat;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri legali, u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-attur la qatt ikkomunika mal-konvenut u lanqas mas-socjeta' assikurattrici ta' l-istess konvenut wara l-incident inkwistjoni kif lanqas ma qatt interpella b'ittra jew xort'ohra lill-konvenut jew lis-socjeta' assikurattrici tieghu qabel ma ntavola l-avviz odjern u ghaldaqstant l-eccipjent m'ghandu jbghati l-ebda spejjez ghal dawn il-proceduri.

2. Fil-meritu illi l-incident in kwistjoni veru li gara tort tal-konvenut li ghamel claim regolarment mas-socjeta' assikurattrici tieghu Fogg Insurance Agencies Limited li ma hallsux id-danni li sofra l-attur stante illi qatt ma gew interpellati kif fuq intqal.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi anke mill-istess nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut jidher illi l-meritu ta' din il-kawza mhuwiex kontestat. Qed jigi pero' kontestat il-kap ta' l-ispejjez peress illi l-konvenut qieghed ighid

illi huwa qatt ma gie nterpellat sabiex ihallas dan l-ammont li qed jigi reklamat mill-atturi. Ghalhekk il-provi f'din il-kawza gew limitati biss ghal dan il-kap ta' l-ispejjez u kemm il-konvenut kien jew ma kienx jaf li kienet ser tigi ntavolata kawza kontra tieghu.

Il-Qorti ma tistax ma tirreferix ghax-xhieda ta' l-avukat John Vassallo fejn ighid illi huwa dejjem jibghat *forwarding address* f'kull ittra li huwa jikteb. Meta dina ma tasalx ghand id-destinatarju tigi lura ghandu. F'dan il-kaz dawn l-ittri li ntbaghtu lill-konvenut ma gewx lura. L-ittri huma datati 24 ta' Lulju 2000 u 21 ta' Awissu 2000. Huwa mportanti wkoll illi Theresa Mihalic toqghod fl-istess triq tal-konvenut u l-avukat Vassallo baghat kopja ta' l-ittri illi kien qed jibghat lill-konvenut lilha wkoll. Dina rceviethom, izda l-konvenut jibqa jghid li ma rcieva xejn. Ta' min isemmi illi l-kumpanija assikurattrici tal-konvenut kienet taf b'dan l-incident peress illi ghal habta ta' Lulju 2000 kienet baghtet *surveyor* sabiex minghajr pregudizzju, jara l-hsarat sofferti fil-karozza ta' l-atturi. Kien proprju abbazi ta' dan is-survey li mbaghad l-atturi sewwew il-karozza taghhom.

Il-Qorti ma tahsibx illi x-xhieda li qed jaghti l-konvenut hija wahda veritjera. Filwaqt li kollox huwa possibli taht il-kappa tax-xemx, il-Qorti taraha ferm improbabbli illi dawn l-ittri ma rceviehomx. Il-Posta ta' Malta hija rinomata ghall-efficjenza taghha u hija haga rarissima illi ittra jew pakkett postali jigi mitluf. Barra minn hekk il-konvenut kien jaf ir-responsabbiltajiet tieghu. Kien jaf illi kellu jirrapporta l-incident lill-kumpanija assikurattrici u ladarba huwa ammetta r-responsabbilta' allura

kien fid-dover illi jara li l-atturi jigu risarciti kemm jista jkun malajr. Huwa nutili illi jgib l-iskuza illi l-atturi qabdu ntavolaw il-kawza minghajr ma qalulu. Apparti l-fatt li l-Qorti ma tara xejn hazin f’dan, ma tarax kif tista ticcensura lill-atturi talli dawn uzaw id-drittijiet taghhom. Il-Qorti tosserva li l-atturi kienu ferm prudenti fl-ghazla taz-zmien meta ntavolaw il-kawza. L-incident gara fl-24 ta’ Gunju 2000 izda qaghdu jistennew sad-9 ta’ Frar 2001 qabel ma pprezentaw il-kawza. F’dan iz-zmien il-konvenut messu kien jaf x’kellu jaghmel u l-istess kumpanija assikurattrici tieghu kellha tkun taf illi darba gie ammess ir-responsabbilta’, messha qabdet u hallset minghajr telf ta’ zmien. Mhix skuza illi tghid illi l-kumpanija ma gietx interpellata. Il-kumpanija kienet taf li kienet sar dan l-incident u kienet taf ukoll illi l-assikurat taghha, il-konvenut kien ammetta r-responsabbilta’. Ghalhekk ma tistax taccetta l-iskuzi li dina damet ma thallas il-ghaliex ma gietx interpellata.

Ghal dak li huwa l-meritu peress illi l-partijiet qablu illi r-responsabbilta’ ghandha taqa nettament fuq il-konvenut mhux il-kaz li l-Qorti tikkunsidra dan il-kap.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi;

Illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fl-24 ta’ Gunju 2000 f’Mater

Boni Consilli Street, Fgura meta huwa kkaguna d-danni lill-atturi billi habat bil-vettura minnu misjuqa mal-vettura taghhom.

Tillikwida l-ammont ta' danni subiti mill-atturi fl-ammont ta' mitejn u disa u sittin liri Maltin u disa u hamsin centezmu (Lm269.59c) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg